PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2305(INI)

8.1.2009

EMENDI
1 - 39

Abbozz ta' rapport
Giusto Catania
(PE415.022v01-00)

dwar il-pjan ta' politika dwar l-ażil – approċċ integrat għall-protezzjoni fl-UE
(2008/2305(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi s-sistema ta' Dublin tista' tirriżulta f'piż sproporzjonat impost fuq uħud mill-Istati Membri, sempliċiment minħabba l-pożizzjoni ġeografika esposta tagħhom,	C. billi s-sistema ***ta' Dublin fir-rigward tal-kriterju dwar l-ewwel pajjiż ta' dħul*** tista' tirriżulta f'piż sproporzjonat impost fuq uħud mill-Istati Membri, ***b'mod partikolari fuq dawk li jirrappreżentaw il-fruntieri esterni tal-UE,*** sempliċiment minħabba l-pożizzjoni ġeografika esposta tagħhom,

Or. en

Emenda 2
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi s-sistema ta' Dublin tista' tirriżulta f'piż sproporzjonat impost fuq uħud mill-Istati Membri, sempliċiment minħabba l-pożizzjoni ġeografika esposta tagħhom,	C. billi s-sistema ta' Dublin tista' tirriżulta f'piż sproporzjonat impost fuq uħud mill-Istati Membri, sempliċiment minħabba l-pożizzjoni ġeografika esposta tagħhom ***u billi dan il-fenomenu għandu konsegwenzi negattivi kemm għall-Istati Membri kif ukoll għal dawk li japplikaw għall-ażil,***

Or. fr

Emenda 3
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni turi li fl-2005 t-13-il Stat Membru fil-fruntieri kellhom jieħdu ħsieb l-isfidi dejjem jiżdiedu maħluqa mis-sistema ta' Dublin,

Or. en

Emenda 4
Jean-Marie Cavada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. jiddispjaċih li hemm il-ħsieb li tkun posposta l-iskadenza tal-2012 għar-realizzazzjoni tat-tieni fażi tar-reġim komuni Ewropew tal-asil, li għandu jtemm id-differenzi li jagħmlu l-ħsara bejn is-sistemi tal-asil fl-Istati Membri;	1. jiddispjaċih li hemm il-ħsieb li tkun posposta l-iskadenza tal-2012***, minħabba l-emenda li saret fuq il-bażi legali li se twassal għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona,*** għar-realizzazzjoni tat-tieni fażi tar-reġim komuni Ewropew tal-asil, li għandu jtemm id-differenzi li jagħmlu l-ħsara bejn is-sistemi tal-asil fl-Istati Membri;

Or. fr

Emenda 5
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza l-fatt li r-rata ta' rikonoxximent tal-kandidati għall-istatus ta' refuġjat għal ċerti ċittadini ta' pajjiżi terzi tvarja minn madwar 0% sa 90% fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 6
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni identifikat l-aċċess għal dawk li jeħtieġu l-protezzjoni bħala wieħed mill-għanijiet kumplessivi tas-CEAS;

Or. en

Emenda 7
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. jitlob li l-Aġenzija Frontex tipprovdi informazzjoni preċiża dwar in-numru ta' persuni li jfittxu l-ażil identifikati bħala tali waqt l-operazzjonijiet tagħha u dwar ix-xorti tal-persuni ***li kienu mġiegħla*** jmorru lura waqt dawn l-operazzjonijiet;	4. jitlob li l-Aġenzija Frontex tipprovdi informazzjoni preċiża dwar *l-għadd* ta' persuni li jfittxu l-ażil identifikati bħala tali waqt l-operazzjonijiet tagħha u dwar ix-xorti tal-persuni ***mwaqqfa u mibgħuta lura lura f'pajjiż ta' tranżitu jew f'pajjiż ta' oriġini*** jmorru lura waqt dawn l-operazzjonijiet;

Or. fr

Emenda 8
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jitlob li l-Aġenzija Frontex tipprovdi informazzjoni preċiża dwar in-numru ta' persuni li jfittxu l-asil identifikati bħala tali waqt l-operazzjonijiet tagħha u dwar ix-xorti tal-persuni li kienu mġiegħla jmorru lura waqt dawn l-operazzjonijiet;	4. Jitlob li l-Aġenzija Frontex tipprovdi informazzjoni preċiża dwar *l-għadd* ta' persuni li jfittxu l-asil identifikati bħala tali waqt l-operazzjonijiet tagħha u dwar ix-xorti tal-persuni li kienu mġiegħla jmorru lura waqt dawn l-operazzjonijiet; ***jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel skeda ta' proposta għal reviżjoni tal-mandat tal-Frontex biex tiddikjara espliċitament li t-tħassib dwar il-protezzjoni u d-drittijiet tal-bniedem huma parti integrali tal-immaniġjar tal-fruntieri esterni tal-UE;***

Or. en

Emenda 9
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-proposti riċenti tal-Kummissjoni li jistipulaw li l-Istati Membri ma jistgħux iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li din il-persuna hi applikanta għal protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 10
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jiddispjaċih li f'diversi Stati Membri, id-detenzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil għadha realtà wara d-dħul irregolari tagħhom fit-territorju u jilqa' għalhekk l-intenzjoni tal-Kummisjoni li ddaħħal fid-Direttiva dwar l-Akkoljenza garanziji proċedurali rigward id-detenzjoni***;***	8. Jiddispjaċih li f'diversi Stati Membri, id-detenzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil għadha realtà wara d-dħul irregolari tagħhom fit-territorju u jilqa' għalhekk l-intenzjoni tal-Kummisjoni li ddaħħal fid-Direttiva dwar l-Akkoljenza garanziji proċedurali rigward id-detenzjoni***. F'dan il-każ, id-detenzjoni tista' tiġi meqjusa biss bħala miżura tal-aħħar rimedju, jekk tkun meħtieġa biss u biss jekk tkun stipulata b'mod ċar fil-liġi nazzjonali f'konformità mal-obbligazzjonijiet tal-Istati Membri skont il-liġi internazzjonali tar-refuġjati u tad-drittijiet tal-bniedem;***

Or. en

Emenda 11
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jiddispjaċih li f'diversi Stati Membri, id-detenzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil għadha realtà wara d-dħul irregolari tagħhom fit-territorju u jilqa' għalhekk ***l-intenzjoni tal-Kummisjoni li ddaħħal*** fid-Direttiva dwar l-Akkoljenza garanziji proċedurali rigward id-detenzjoni;	8. Jiddispjaċih li f'diversi Stati Membri, id-detenzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil għadha realtà wara d-dħul irregolari tagħhom fit-territorju u jilqa' għalhekk ***id-dħul*** fid-Direttiva Akkoljenza ***ta'*** garanziji proċedurali rigward id-detenzjoni;

Or. en

Emenda 12
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8 (a) (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8 (a). iqis li dawk li jfittxu l-ażil għandhom fil-prinċipju ma jistgħux jinżammu f'detenzjoni, minħabba s-sitwazzjoni vulnerabbli li jinsabu fiha, jinnota l-proposti tal-Kummissjoni għall-iffissar tar-regoli li jirregolaw it-tqegħid f'detenzjoni bl-għan li jiggarantixxu l-prinċipju li ħadd ma jkun jista' jitqigħed f'detenzjoni għall-unika raġuni li din il-persuna hi applikanta għall-protezzjoni internazzjonali u li kull detenzjoni għandha tkun meħtieġa, proporzjonali u tkun suġġetta għal eżami ta' kull każ individwali;

Or. fr

Emenda 13
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Iqis li huwa essenzjali li jkun iċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva l-ġdida dwar l-Akkoljenza sabiex ikunu koperti ċ-ċentri ta' detenzjoni, iz-zoni ta' tranżitu ***u*** l-proċeduri fil-fruntieri;	9. Iqis li huwa essenzjali li jkun iċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva l-ġdida dwar l-Akkoljenza sabiex ikunu koperti ċ-ċentri ta' detenzjoni, iz-zoni ta' tranżitu***, il***-proċeduri fil-fruntieri ***u persuni trasferiti minn Dublin***;

Or. en

Emenda 14
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrakkomanda li fid-Direttiva dwar l-Akkoljenza tkun stabbilita sistema formali ta' identifikazzjoni ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikulari l-minuri mhux akkumpanjati, il-persuni anzjani u dipendenti, il-persuni b'diżabilità, in-nisa tqal, ġenitur wieħed bit-tfal u nies li jkunu għaddew minn esperjenzi trawmatiċi (tortura, stupru, vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali);	10. Jirrakkomanda li fid-Direttiva dwar l-Akkoljenza tkun stabbilita sistema formali ***għall-***identifikazzjoni ***immedjata*** ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikulari l-minuri mhux akkumpanjati, il-persuni anzjani u dipendenti, il-persuni b'diżabilità, in-nisa tqal, ġenitur wieħed bit-tfal u nies li jkunu għaddew minn esperjenzi trawmatiċi (tortura, stupru, vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali);

Or. en

Emenda 15
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jirrakkomanda*** li fid-Direttiva dwar l-Akkoljenza tkun stabbilita sistema formali ta' identifikazzjoni ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikulari l-minuri mhux akkumpanjati, il-persuni anzjani u dipendenti, il-persuni b'diżabilità, in-nisa tqal, ġenitur wieħed bit-tfal u nies li jkunu għaddew minn esperjenzi trawmatiċi (tortura, stupru, vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali);	10. Jilqa' b'sodisfazzjon lid-Direttiva dwar l-Akkoljenza tkun stabbilita sistema formali ta' identifikazzjoni ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikulari l-minuri mhux akkumpanjati, il-persuni anzjani u dipendenti, il-persuni b'diżabilità, in-nisa tqal, ġenitur wieħed bit-tfal u nies li jkunu għaddew minn esperjenzi trawmatiċi (tortura, stupru, vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali);

Or. en

Emenda 16
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iqis li għandha tkun stabbilita proċedura unika ta' talba ta' asil, li tkopri t-talbiet kollha ta' "ħarsien internazzjonali" (status ta' rifuġjat, ħarsien sussidjarju, ħarsien temporanju);	11. Iqis li għandha tkun stabbilita proċedura unika ta' talba *għal* asil ***u livelli uniċi għall-kwalifika bħala refuġjati jew persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali***, li tkopri t-talbiet kollha ta' "ħarsien internazzjonali" (status ta' rifuġjat, ħarsien sussidjarju, ħarsien temporanju);
	Or. en

Emenda 17
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Iqis li d-Direttiva ta' Proċedura tal-Asil għandha tiġi reveduta sabiex dawk kollha li qegħdin ifittxu asil ikunu garantiti d-dritt li jibqgħu fil-pajjiż tal-asil (i.e. l-appelli għandu jkollhom effett sospensiv), sa meta jiġi ggarantit status legali sigur jew sakemm ikun sar ritorn;
	Or. en

Emenda 18
Jean Lambert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qed tippjana li tiċċara l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' ħarsien sussidjarju, u fuq kollox il-fatt li qed tissuġġerixxi li tirrevedi mill-	12. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni qed tippjana li tiċċara l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' ħarsien sussidjarju, u fuq kollox il-fatt li qed

ġdid id-drittijiet u l-vantaġġi li jingħataw lill-benefiċjarji dan it-tip ta' ħarsien;	tissuġġerixxi li tirrevedi mill-ġdid id-drittijiet u l-vantaġġi li jingħataw lill-benefiċjarji dan it-tip ta' ħarsien; ***dan għandu jiżgura aktar parità ta' trattament f'livell imsaħħaħ;***

Or. en

Emenda 19
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Iqis li l-qsim tal-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini li għandhom l-Istati Membri differenti jkun pass pożittiv u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi tagħha biex twaqqaf bażi tad-dejta komuni;	13. Iqis li l-qsim tal-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini li għandhom l-Istati Membri differenti jkun pass pożittiv u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi tagħha biex twaqqaf bażi tad-dejta komuni; ***jenfasizza li l-ġbir u l-preżentazzjoni tal-Informazzjoni mill-Pajjiż ta' Oriġini u l-immaniġġjar ta' aċċess għandhom jiżguraw li jiġu inklużi r-rapporti ta' diversi esperti stabbiliti, li l-informazzjoni hi aċċessibbli għall-pubbliku u hi miżmuma distinta mill-applikazzjoni tagħha mingħand dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet (sabiex tibqa' imparzjali u libera minn influenza politika) u li jiġi segwit bilanċ ġust bejn sorsi governattivi, mhux governattivi u internazzjonali waqt il-ġbir tal-Informazzjoni mill-Pajjiż ta' Oriġini;***

Or. en

Emenda 20
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li, meta ssir ir-reviżjoni tar-regolament ta' Dublin, jista' jkun previst mekkaniżmu li ***jimblokka*** t-trasferimenti lejn l-Istati Membri li ma jkunux f'kundizzjoni li jittrattaw b'mod adegwat it-talbiet minħabba l-kapaċitajiet ta' akkoljenza limitati tagħhom;	14. Iqis li, meta ssir ir-reviżjoni tar-regolament ta' Dublin, jista' jkun previst mekkaniżmu li ***jissospendi*** t-trasferimenti ***u/jew ir-ritorni*** lejn l-Istati Membri li ma jkunux f'kundizzjoni li ***jiggarantixxu smigħ komplet u ġust tat-talbiet għall-ażil jew li*** jittrattaw b'mod adegwat it-talbiet minħabba l-kapaċitajiet ta' akkoljenza limitati tagħhom;

Or. en

Emenda 21
Simon Busuttil

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li, meta ssir ir-reviżjoni tar-regolament ta' Dublin, jista' jkun previst mekkaniżmu li jimblokka t-trasferimenti lejn l-Istati Membri li ma jkunux f'kundizzjoni li jittrattaw b'mod adegwat it-talbiet minħabba l-kapaċitajiet ta' akkoljenza limitati tagħhom;	14. Iqis li, meta ssir ir-reviżjoni tar-regolament ta' Dublin, jista' jkun previst mekkaniżmu li jimblokka t-trasferimenti lejn l-Istati Membri li ma jkunux f'kundizzjoni li jittrattaw b'mod adegwat it-talbiet minħabba l-kapaċitajiet ta' akkoljenza limitati tagħhom ***jew li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' pressjoni l-aktar minħabba ċ-ċirkustanzi ġeografiċi u demografiċi tagħhom***;

Or. en

Emenda 22
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li, meta ssir ir-reviżjoni tar-regolament ta' Dublin, jista' jkun previst mekkaniżmu li jimblokka t-trasferimenti lejn l-Istati Membri li ma jkunux f'kundizzjoni li jittrattaw b'mod adegwat it-talbiet minħabba l-kapaċitajiet ta' akkoljenza limitati tagħhom;	14. Iqis li, meta ssir ir-reviżjoni tar-regolament ta' Dublin, jista' jkun previst mekkaniżmu li jimblokka t-trasferimenti lejn l-Istati Membri li ma jkunux f'kundizzjoni li jittrattaw b'mod adegwat it-talbiet minħabba l-kapaċitajiet ta' akkoljenza limitati tagħhom ***u meta ma jistax jiġi żgurat aċċess għal proċedura tal-asil***;

Or. en

Emenda 23
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Iqis li skont ir-Regolament revedut ta' Dublin dawk li qegħdin ifittxu l-asil għandhom ikunu mogħtija d-dritt li jappellaw kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment, tali appell li jimponi l-obbligazzjoni lill-qrati jew lit-tribunali biex jeżaminaw ex uffiċċju l-ħtieġa li jagħmlu sospensjoni temporanja tal-infurzar ta' deċiżjoni ta' trasferiment;

Or. en

Emenda 24
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iqis li l-attivitajiet tal-Uffiċċju ta'

Appoġġ għandhom jinkludu l-iżvilupp ta' linji gwida komuni sabiex jiffaċilitaw l-evalwazzjoni preċiża u uniformi tat-talbiet għall-ażil, il-promozzjoni tal-iskambju ta' prassi tajba, l-immoniterjar tal-implimentazzjoni u tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni relevanti tal-UE (li tappoġġja r-rwol tal-Kummissjoni bħala Gwardjan tat-Trattati);

Or. en

Emenda 25
Jean Lambert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iqis li għandha tingħata kunsiderazzjoni prattika lis-segwitu tat-trattament ta' dawk li marru lura fil-pajjiż ta' oriġini jew ta' tluq tagħhom minħabba li t-talbiet għall-protezzjoni ġew miċħuda sabiex jeżaminaw l-effettività tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 26
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Iqis li kull pesuna li tieħu d-deċiżjonijiet għandu jkollha aċċess ugwali għall-informazzjoni rigward il-pajjiż ta' oriġini li ġie miġbur permezz ta' riċerka professjonali u objettiva, li hi għodda ewlenija għall-awtoritajiet tal-ażil u għall-

każijiet ta' appell kif ukoll għal dawk li qegħdin ifittxu l-ażil, li jiddependu fuqha biex tgħin fil-verifikazzjoni tat-talba tagħhom għal protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 27
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17 a (ġdid) (wara t-titlu)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jirrikonoxxi l-importanza tal-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom x'jaqsmu mal-għanijiet tas-sigurtà u tal-ekonomija;

Or. en

Emenda 28
Jean Lambert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi modifika tad-Direttiva dwar l-Akkoljenza sabiex jingħata lil dawk li jfittxu l-ażil aċċess iktar sempliċi għas-suq tax-xogħol, ladarba d-dħul tagħhom fid-dinja tax-xogħol jikkostitwixxi kundizzjoni essenzjali tal-integrazzjoni tagħhom;	21. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi modifika tad-Direttiva dwar l-Akkoljenza sabiex jingħata lil dawk li jfittxu l-ażil aċċess iktar sempliċi għas-suq tax-xogħol, ladarba d-dħul tagħhom fid-dinja tax-xogħol jikkostitwixxi kundizzjoni essenzjali tal-integrazzjoni tagħhom; ***u jgħin ukoll fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet li jistgħu jservu wkoll ta' benefiċċju jekk xi darba jerġgħu jiġu lura;***

Or. en

Emenda 29
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jilqa' l-***intenzjoni*** tal-Kummissjoni ***li tippproponi modifika tad***-Direttiva dwar l-Akkoljenza sabiex jingħata lil dawk li jfittxu l-ażil aċċess iktar sempliċi għas-suq tax-xogħol, ladarba d-dħul tagħhom fid-dinja tax-xogħol jikkostitwixxi kundizzjoni essenzjali tal-integrazzjoni tagħhom;	21. Jilqa’ b’sodisfazzjon il-***proposta*** tal-Kummissjoni li ***fid***-Direttiva dwar l-Akkoljenza sabiex jingħata lil dawk li jfittxu l-ażil aċċess iktar sempliċi għas-suq tax-xogħol, ladarba d-dħul tagħhom fid-dinja tax-xogħol jikkostitwixxi kundizzjoni essenzjali tal-integrazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 30
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***21a. Iqis li, meta jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, is-sistema ta’ażil għandha tiffaċilita l-integrazzjoni billi tieħu inkonsiderazzjoni r-rikonoxximent tal-kisbiet edukattivi, kwalifiki professjonali u l-kapaċitajiet ta’ dak li qiegħed ifittex aż̀il li jkunu konformi mal-ħtiġijiet ekonomiċi fl-Istat Membru ospitanti;**

Or. en

Emenda 31
Simon Busuttil

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jinsisti dwar il-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess tal-benefiċjarji tal-ħarsien sussidjarju għad-drittijiet soċjali u ekonomiċi, ladarba dan huwa essenzjali għall-integrazzjoni tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 32
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jinsisti*** dwar il-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess tal-benefiċjarji tal-ħarsien sussidjarju għad-drittijiet soċjali u ekonomiċi, ladarba dan huwa essenzjali għall-integrazzjoni tagħhom;	22. ***Jirrakkomanda li ma ssir l-ebda differenza bejn id-drittijiet mogħtija lir-refuġjati u benefiċjarji tal-ħarsien sussidjarju; jinsisti b'mod partikolari*** dwar il-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess tal-benefiċjarji tal-ħarsien sussidjarju għad-drittijiet soċjali u ekonomiċi, ladarba dan huwa essenzjali għall-integrazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 33
Simon Busuttil

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Huwa tal-fehma li s-solidarjetà ma tistax tkun limitata għall-għoti ta' riżorsi finanzjarji u ***li għandhom ikunu previsti*** mekkanizmi ta' ripatrijazzjoni interna, fuq bażi volontarja, li jippermettu lill-	24. Huwa tal-fehma li s-solidarjetà ma tistax tkun limitata għall-għoti ta' riżorsi finanzjarji u ***jitlob għall-implimentazzjoni effettiva ta'*** mekkanizmi ta' ripatrijazzjoni ***u rilokazzjoni*** interna fuq bażi volontarja

benefiċjarji ta' ħarsien internazzjonali li jkunu milqugħa minn Stat Membru ieħor apparti dak li tahom il-benefiċċju ta' dan il-ħarsien;	***kif inhu maħsub mill-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil. Dawn se*** jippermettu lill-benefiċjarji ta' ħarsien internazzjonali li jkunu milqugħa minn Stat Membru ieħor apparti dak li tahom il-benefiċċju ta' dan il-ħarsien;

Or. en

Emenda 34
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Huwa tal-fehma li s-solidarjetà ma tistax tkun limitata għall-għoti ta' riżorsi finanzjarji u li għandhom ikunu previsti mekkanizmi ta' ***ripatrijazzjoni*** interna, fuq bażi volontarja, li jippermettu lill-benefiċjarji ta' ħarsien internazzjonali li jkunu milqugħa minn Stat Membru ieħor apparti dak li tahom il-benefiċċju ta' dan il-ħarsien;	24. Huwa tal-fehma li s-solidarjetà ma tistax tkun limitata għall-għoti ta' riżorsi finanzjarji u li għandhom ikunu previsti mekkanizmi ta' ***rilokazzjoni*** interna, fuq bażi volontarja, li jippermettu lill-benefiċjarji ta' ħarsien internazzjonali li jkunu milqugħa minn Stat Membru ieħor apparti dak li tahom il-benefiċċju ta' dan il-ħarsien;

Or. en

Emenda 35
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jinkoraġġixxi l-ħolqien, taħt il-patroċinju tal-Uffiċċju ta' Appoġġ futur, ta' timijiet ta' esperti fi kwistjonijiet ta'ażil li jistgħu jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-Istati Membri li jkunu għaddejjin minn perjodi ta' influss bil-massa u mhux mistenni ta'	26. Jinkuraġġixxi l-ħolqien, taħt il-patroċinju tal-Uffiċċju ta' Appoġġ futur, ta' timijiet ta' esperti ***li se jinkludu rappreżentanti tal-UNHCR u l-NGOs*** fi kwistjonijiet ta'ażil li jistgħu jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-Istati Membri li jkunu

persuni jfittxu l-ażil li ma jistgħux ilaħħqu magħhom;	għaddejjin minn perjodi ta' influss bil-massa u mhux mistenni ta' persuni jfittxu l-ażil li ma jistgħux ilaħħqu magħhom;

Or. en

Emenda 36
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafue 26 a. (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26 a. jitlob lill-Kummissjoni teżamina l-possibiltà ta' implimentazzjoni tal-mekkaniżmu Ewropew ta' trasferiment tal-protezzjoni internazzjonali, taħt il-kontroll tal-Uffiċċju ta' Appoġġ futur, bl-għan li jippermetti l-moviment tar-refuġjati fl-Ewropa u għalhekk ittaffi l-piż fuq ċerti Stati Membri;

Or. fr

Emenda 37
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jappoġġja l-ftehimiet ta' monitoraġġ tal-fruntieri bejn l-awtoritajiet nazzjonali, l-UNHCR u l-NGOs fl-UE u l-allokazzjoni ta' riżorsi għal dan l-għan skont il-Fond għall-Fruntieri Esterni tal-UE;

Or. en

Emenda 38
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jirrikonoxxi l-importanza li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' akkoljenza tal-pajjiżi tal-ewwelażil, u li jitwaqqaf, fil-livell Ewropew u b'koperazzjoni stretta mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, programm ta' ripatrijazzjoni li jistipula kriterji komuni u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni;	29. Jirrikonoxxi l-importanza li jissaħħu l-kapaċitajiet ta’ akkoljenza tal-pajjiżi tal-ewwelażil, u li jitwaqqaf, fil-livell Ewropew u b’koperazzjoni stretta mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati ***u l-NGOs***, programm ta’ ripatrijazzjoni li jistipula kriterji komuni u mekkaniżmi ta’ koordinazzjoni;

Or. en

Emenda 39
Jean Lambert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jitlob ukoll li għandha tingħata evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-fondi disponibbli għal miżura li jirrigwardjaw il-pajjiżi terzi, pereżempju – protezzjoni fir-reġjun – speċjalment fid-dawl tal-opinjoni ddikjarata mill-Parlament li dawn il-miżuri jeħtieġu fondi addizzjonali u mhux riallokazzjoni tal-fondi għall-iżvilupp;

Or. en